IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.9.2012
COM(2012) 547 final

2012/0259 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-Protokoll miftiehem bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja li jistipula l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd fis-seħħ bejn iż-żewġ Partijiet u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1801/2006

MEMORANDUM TA’ SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Abbażi tal-mandat mogħti lilha mill-Kunsill, il-Kummissjoni Ewropea nnegozjat mar-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja bil-ħsieb li jiġġedded il-Protokoll għall-Ftehim ta’ Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja. Wara dawn in-negozjati, ġie inizjalat Protokoll ġdid fis-26 ta' Lulju 2012. Il-Protokoll il-ġdid ikopri perjodu ta' sentejn (2) li jibda mid-data tal-iffirmar tiegħu.

L-għan ewlieni tal-Protokoll għall-Ftehim huwa li joffri opportunitajiet tas-sajd lill-bastimenti tal-Unjoni Ewropea fl-ibħra tal-Mawritanja skont is-surplus disponibbli. Il-Kummissjoni bbażat ruħha, fost l-oħrajn, fuq il-parir tal-Kumitat xjentifiku mwaqqaf fil-qafas ta' dan il-ftehim.

L-għan ġenerali huwa li tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja biex jiġi stabbilit qafas ta’ sħubija għall-iżvilupp ta’ politika tas-sajd sostenibbli u l-użu responsabbli tar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tas-sajd tal-Mawritanja, fl-interess taż-żewġ partijiet.

B’mod partikolari, il-Protokoll jipprevedi opportunitajiet annwali tas-sajd fil-kategoriji li ġejjin:

– 5 000 tunnellata għall-bastimenti tas-sajd għall-krustaċi ħlief għall-awwisti u l-granċijiet;

– 4 000 tunnellata għall-bastimenti tat-tkarkir (li ma jkunux mgħammra bi friża) u l-bastimenti tas-sajd bil-konz tal-qiegħ li jistadu għall-marlozz l-iswed;

– 2 500 tunnellata għall-bastimenti tas-sajd għal speċijiet demersali, ħlief il-marlozz l-iswed, b’irkaptu li ma jkunx jinkludi x-xbieki tat-tkarkir;

– 200 tunnellata ta' granċijiet;

– 22 bastiment tas-sajd għat-tonn bit-tartaruni;

– 22 bastiment tas-sajd għat-tonn bil-qasab u x-xlief jew bastimenti tas-sajd bil-konz;

– 300 000 tunnellata għall-bastimenti tat-tkarkir użati għas-sajd pelaġiku li jkunu mgħammra bi friża;

– 15 000 tunnellata għall-bastimenti tas-sajd pelaġiku li ma jkunux mgħammra bi friża (li għandhom jitnaqqsu mill-allokazzjoni pprovduta għall-bastimenti tas-sajd pelaġiku li jkunu mgħammra bi friża).

Għandu jiġi ddefinit il-metodu għall-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri.

Abbażi ta’ dan, il-Kummissjoni qed tipproponi li l-Kunsill jadotta dan ir-Regolament.

2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Saret konsultazzjoni mal-partijiet interessati qabel ma saru n-negozjati fil-qafas tal-Kunsill Konsultattiv Reġjonali għall-flotta tal-vjaġġi t-twal, biex b'hekk ingħaqdu flimkien il-qasam tas-sajd u l-NGOs ambjentali u dawk dwar l-iżvilupp. Ġew ikkonsultati wkoll l-esperti mill-Istati Membri waqt laqgħat tekniċi. Minn dawn il-konsultazzjonijiet ġie konkluż li jkun ta' benefiċċju li jinżamm protokoll tas-sajd mal-Mawritanja.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

Il-Protokoll il-ġdid għall-Ftehim ta' Sħubija ntbagħat lill-Kunsill sabiex dan japprova l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tiegħu. Intbagħat ukoll lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew għall-finijiet tal-konklużjoni tiegħu.

2012/0259 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-Protokoll miftiehem bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja li jistipula l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd fis-seħħ bejn iż-żewġ Partijiet u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1801/2006

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fit-30 ta' Novembru 2006, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 1801/2006 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja[1].

(2) Fis-26 ta' Lulju 2012 ġie inizjalat Protokoll ġdid għall-Ftehim ta' Sħubija (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Protokoll il-ġdid"). Dan il-Protokoll il-ġdid jagħti opportunitajiet tas-sajd lill-bastimenti tal-Unjoni fl-ilmijiet li fihom il-Mawritanja teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha fir-rigward tas-sajd.

(3) Fil-[…], il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni Nru .../2012/UE[2] dwar l-iffirmar tal-Protokoll il-ġdid u l-applikazzjoni provviżorja tiegħu.

(4) Il-mod li bih jiġu allokati l-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri għandu jiġi ddefinit għall-perjodu ta' applikazzjoni tal-Protokoll il-ġdid.

(5) Skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 dwar l-awtorizzazzjonijiet għall-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità barra mill-ilmijiet tal-Komunità u l-aċċess ta' bastimenti ta' pajjiżi terzi għall-ilmijiet tal-Komunità[3], f'każ li l-opportunitajiet tas-sajd allokati lill-Unjoni skont il-Protokoll il-ġdid ma jkunux qed jintużaw għal kollox, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri kkonċernati dwar dan. F'każ li ma tintbagħatx risposta sa data ta' skadenza li għandha tiġi stabbilita mill-Kunsill, dan għandu jitqies bħala konferma li l-bastimenti tal-Istat Membru kkonċernat mhux qed

---

1 ĠU L 343, 8.12.2006.
2 ĠU C …*.
3 ĠU L 286, 29.10.2008, p. 33.

jużaw għal kollox l-opportunitajiet tas-sajd tagħhom matul il-perjodu kkonċernat. Jeħtieġ li din l-iskadenza tiġi stabbilita.

(6) Minħabba li l-Protokoll fis-seħħ jiskadi fil-31 ta' Lulju 2012, dan ir-Regolament għandu jibda japplika mid-data tal-iffirmar tal-Protokoll il-ġdid,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-opportunitajiet tas-sajd stabbiliti fil-Protokoll miftiehem bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-sajd fis-seħħ bejn iż-żewġ Partijiet (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Protokoll") iqisu l-qbid li sar bejn l-2008 u l-2012 u għandhom jitqassmu fost l-Istati Membri kif ġej:

(a) Kategorija 1 - Bastimenti tas-sajd għall-krustaċi ħlief għall-awwisti u l-granċijiet (għadd massimu ta' bastimenti: 36)

Spanja	4 150 tunnellata
L-Italja	600 tunnellata
Il-Portugall	250 tunnellata

(b) Kategorija 2 - Bastimenti tat-tkarkir (li ma jkunux mgħammra bi friża) u bastimenti tas-sajd bil-konz tal-qiegħ li jistadu għall-marlozz l-iswed (għadd massimu ta' bastimenti: 11)

Spanja	4 000 tunnellata

(c) Kategorija 3 -Bastimenti tas-sajd għal speċijiet demersali ħlief il-marlozz l-iswed, b'irkaptu li ma jkunx jinkludi x-xbieki tat-tkarkir (għadd massimu ta' bastimenti: 9)

Spanja	2 500 tunnellata

(d) Kategorija 4 - Bastimenti li jistadu għall-granċijiet

Spanja	200 tunnellata

(e) Kategorija 5 - Bastimenti tas-sajd għat-tonn bit-tartaruni

Spanja	17-il liċenzja
Franza	5 liċenzji

(f) Kategorija 6 - Bastimenti tas-sajd għat-tonn bil-qasab u x-xlief u bastimenti tas-sajd bil-konz tal-wiċċ

Spanja	18-il liċenzja
Franza	4 liċenzji

(g) Kategorija 7 - Bastimenti tat-tkarkir użati għas-sajd pelaġiku li jkunu mgħammra bi friża (għadd massimu ta' bastimenti: 19; massimu ta' żewġ (2) bastimenti jistgħu, f'każ li ma jintużawx, jiżdiedu mal-kategorija 8)

Il-Ġermanja	28 500 tunnellata
Franza	2 850 tunnellata
Il-Latvja	68 400 tunnellata

Il-Litwanja	71 250 tunnellata
Il-Pajjiżi l-Baxxi	76 950 tunnellata
Il-Polonja	28 500 tunnellata
Ir-Renju Unit	8 550 tunnellata

(h) Kategorija 8 - Bastimenti tas-sajd pelaġiku li ma jkunux mgħammra bi friża (għadd massimu ta' bastimenti: 2; dawn jistgħu, f'każ li ma jintużawx, jiġu ttrasferiti għall-kategorija 8)

L-Irlanda 15 000 tunnellata;
dawn jistgħu, f'każ li ma jintużawx, jiġu ttrasferiti għall-kategorija 7 skont il-kriterji ta' allokazzjoni ta' dik il-kategorija.

1. Ir-Regolament (KE) Nru 1006/2008 japplika mingħajr preġudizzju għall-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd li hemm bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja.

2. Jekk it-talbiet għall-awtorizzazzjonijiet tas-sajd mill-Istati Membri msemmija fil-paragrafu 1 ma jkoprux l-opportunitajiet kollha tas-sajd stabbiliti fil-Protokoll, il-Kummissjoni tqis it-talbiet għall-awtorizzazzjonijiet tas-sajd magħmulin minn kwalunkwe Stat Membru ieħor skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1006/2008.

3. L-iskadenza sa meta l-Istati Membri għandhom jikkonfermaw li mhumiex qed jużaw għal kollox l-opportunitajiet tas-sajd li jkunu ngħatawlhom skont il-Ftehim, kif imsemmi fl-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 1006/2008, għandha tkun ta' għaxart ijiem tax-xogħol minn meta l-Kummissjoni tgħarrafhom li l-opportunitajiet tas-sajd mhumiex qed jintużaw kollha.

Artikolu 2

Ir-Regolament (KE) Nru 1801/2006 għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 2 għandu jitħassar.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa jibda japplika mid-data tal-iffirmar tal-Protokoll il-ġdid.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President